MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2009

Numru. 419/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Joachim Spagnol**

Kumpilazzjoni Droga Nru: 419/2009

Illum 3 ta’ Awissu 2009,

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joachim Spagnol ta’ 44 sena, bin Paul u Doris nee’ Bezzina, imwieled Pieta’ nhar l-10 ta’ Dicembru, 1964, residenti 26, Blokk B, Marshall Courts, Gzira u detentar tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 3265M.

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-24 ta' Lulju 2009, kif ukoll f'dawn l-ahhar tnax il-xahar, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta,

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga **kokaina**, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

2) aktar talli kellu fil-pussess tieghu id-droga **kokaina** specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu eskluzziv tieghu;

U aktar talli f'dawn l-ahhar hames snin, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

3) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn l-ahhar xhur, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

4) akkwista, kellu il-pussess ghal liema ghan ikun jew zamm ghandu munizzjon imsemmi fl-Iskeda I tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

5) Aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 8(d) u r-raba u s-sitt taqsimiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1969, u l-artikolu 3 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta'l-Avukat Generali, mahrug kemm ai termini ta' l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjon anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati, l-ammont tad-droga li nstabet fil-pussess ta'l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 8(d) u r-raba u s-sitt taqsimiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1969, u l-artikolu 3 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah prigunerija ghal terminu ta' tlett snin u erbgha xhur u multa ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) li ghandha tithallas f'pagamenti mensieli ta' mitejn u hamsin Euro (€250); l-ewwel pagament ghandu jsir f'l-1 ta' Settembru 2009. In oltre l-Qorti qed tordna l-konfiska tad-droga esebieta.

Il-Qorti qed tirrakkomanda li l-imputat ghandu jinghata l-ghajnuna necessarja ghall-problema li ghandu bil-vizzju tad-droga inkluz li jaghmel programm ta' riabilitazzjoni, u tordna li immedjatament l-imputat jittiehed biex jinzamm fil-forensic ward f'l-Isptar Monte Carmeli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------